MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 29/2007

**Grazio sive Horace Cachia**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors imressaq fil-15 ta` Mejju, fejn ir-rikorrenti wara li ppremetta illi:

L-esponent huwa kreditur tas-socjeta` Arcidiacono Limited (C3647) f`ammont cert, likwidu u dovut li jirrizulta minn kuntratt pubbliku datat fl-ghoxrin (20) ta` Frar, tas-sena elfejn u sebgha (2007), liema kuntratt gie rez ezekuttiv permezz ta` ittra ufficjali ipprezentata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Frar, tas-sena elfejn u sebgha (2007), debitament

notifikatia lis-socjeta` Arcidiacono Limited, kopji ta` liema kuntratt u ittra ufficjali qed jigi hawn anness u mmarkati bhala dokumenti *“HC1”* u *“HC2”* rispettivament;

L-imsemmi kuntratt tal-ghoxrin (20) ta` Frar, 2007 jikkostitwixxi titolu ezekuttiv favur l-esponet u kontra s-socjeta` Arcidiacono Limited ghas-somma komplessiva ta` wiehed u disghin elf Liri Maltin (Lm91,000), oltre ghall-imghxijiet stipulati fl-istess kuntratt bir-rata ta` tminja fil-mija (8%) mid-dati rispettivament immarkati fuq id-dokumenti immarkat bl-ittra *“A”* li jinsab anness u jifforma parti mid-dokument HC1 fuq imsemmi, liema imghaxijiet sat-28 ta` Frar, 2007 komplessivament jammontaw ghal sitta u sitten elf, mija u hmistax-il Lira Maltin (Lm66,115), kif jirrizulta minn prospett ta` l-imghaxijiet hawn anness u mmarkat bhala dokument *“HC3”* – b`riserva ta` l-imghaxijiet ulterjuri u spejjez sad-data tal-pagament effettiv.

In forza ta` l-imsemmi titolu ezekuttiv, l-esponent talab u ottjena l-hrug ta` zewg mandati ta` sekwestru ezekuttivi kontra s-socjeta` Arcidiacono Limited li jgibu n-numru 313/07 u 325/07 rispettivament, kopja legali ta` liema mandati qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokumenti *“HC4”* u *“HC5”* rispettivament;

Il-mandat ta` sekwestru li numru 313/07 – dokument HC4, inter alia inhareg f`idejn Carmen armla ta` Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino (I.D. 460141M) u Edmond (I.D. 427668), Simon (I.D. 399771M), Dolores (I.D. 514578M) u Josianne Tonna (I.D. 23566m) lkoll ahwa Gatt Baldacchino bhala sekwestratarji mentri l-mandat ta` sekwestru li numru 3253/07 – dokument HC5, inhareg f`idejn in-Nutar Dottor Pierre Attard bhala sekwestratarju;

Fit-3 ta` April, 2007, Carmen armla ta` Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino u Edmond, Simon, Dolores u Josianne Tonna, ilkoll ahwa Gatt Baldacchino pprezentaw rikors fl-atti tal-mandat ta` sekwestru numru **313/07** hawn fuq imsemmi fejn talbu lill-Onor. Prim` Awla tal-Qorti Civili *“tezonerahom mill-effetti ta` l-ordnijiet imposti fuqhom bhala sekwestratarji bil-Mandat ta` Sekwestru bin-numru*

*313/07 sabiex huma jkunu jistghu jipprocedu bl-akkwist tal-beni in kwistjoni kif ordnat Minnha bis-sentenza fl-ismijiet 'Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiancono et noe et' Citaz. Nru. 696/90 GCD deciza fl-20 ta` Jannar, 1998 u insegwitu kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell b`sentenza pronuncjata fis-17 ta` Jannar, 2007, billi jadoperaw il-prezz ta` l-akkwist sabiex jithallsu l-kredituri ipotekarji tal-vendituri li f`kull kaz jiggradwaw qabel il-kreditu pretiz mis-sekwestrant".*

Nhar il-hamsa ta` April, elfejn u sebgha (05.04.2007), li kien Hamis ix-Xirka, l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili, ippresjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Geoffrey Valenzia, iddegretat hekk:

> *"Il-Qorti*
> *Rat ir-rikors;*
> *Rat l-atti precedenti ta` dina l-vertenza;*
> *Tilqa` t-talba"*

B`rikors iehor ipprezentat ukoll fit-3 ta` April, 2007 pero` fl-atti tal-mandat ta` sewkestru ezekuttiv **325/07** imsemmi izjed kmieni, Carmen armla ta` Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino u Edmond, Simon, Dolores u Josianne Tonna, lkoll ahwa Gatt Baldacchino talbu ukoll lill-Onor. Prim`Awla tal-Qorti Civili *"tezonera lin-Nutar Dottor Pierre Attard mill-effetti ta` l-ordnijiet imposti fuqu bhala sekwestratarju bil-Mandat ta` Sekwestru bin-Numru 325/07 sabiex b`hekk huma jkunu jistghu jipprocedu bl-akkwist tal-beni in kwistjoni kif ordnat Minnha bis-sentenza fl-ismijiet 'Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et noe et' Citaz. Nru. 696/90 GCD deciza fl-20 ta` Jannar, 1998 u insegwitu kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell b`sentenza pronuncjata fis-17 ta` Jannar, 2007, billi jadoperaw il-prezz ta` l-akkwist sabiex jithallsu l-kredituri ipotekarji tal-vendituri li f`kull kaz jiggradwaw qabel il-kreditu pretiz mis-sekwestrant"*.

Rigward dan ir-rikors, l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili, ippresjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Geoffrey

Valenzia, dejjem nhar Hamis ix-Xirka 5 ta` April, 2007 iddegretat hekk:

*"Il-Qorti*
*Rat ir-rikors;*
*Rat l-atti precedenti ta` dina l-vertenza;*
*Tilqa` t-talba u tordna n-notifika tad-digriet lill-partijiet koncernati"*

Nhar il-25 ta` April, 2007, permezz ta` zewg rikorsi, wiehed fl-atti tal-mandat ta` sekwestru ezekuttiv numru 313/07 u l-iehor tal-mandat ta` sekwestru ezekuttiv numru 325/07, l-esponent talab lill-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-5 ta` April, 2007 moghti in segwitu ghar-rikors tat-3 ta` April, 2007 ipprezentat minn Carmen armla ta` Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino (I.D. 460141M) u Edmond (I.D. 427668M), Simon (I.D. 399771), Dolores (I.D. 514578M) u Josianne Tonna (I.D. 23566M) lkoll ahwa Gatt Baldacchino fl-atti tal-mandati rispettivi u tikkonferma li l-imsemmija Carmen armla ta` Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino (I.D. 460141M) u Edmond (I.D. 427668M), Simon (I.D. 399771M), Dolores (I.D. 514578M) u Josianne Tonna (I.D. 23566M) lkoll ahwa Gatt Baldacchino ghadhom milquta bl-effetti ta` u ghandhom joqghodu ghall-ordnijiet kollha moghtija bil-mandati rispettivi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Premezz ta` zewg digrieti, t-tnejn datati hdax (11) ta` Mejju, 2007, l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili, kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Dottor Geoffrey Valenzia, cahdet it-talba ta` l-esponent ghar-revoka contrario imperio u ddegretat hekk:

*"Il-Qorti*
*Rat ir-rikors;*
*Rat ir-risposta;*
*Billi l-Qorti m`ghandha xejn x`izzid mad-digriet taghha tad-9 ta` April, 2007;*
*Tichad it-talba"*

Effettivament, ghalhekk, bid-digrieti taghha tal-5 ta` April, 2007 fuq imsemmija l-Onor. Prim`Awla tal-Qorti Civili, minghajr ma semghet xejn x`kellu x`jghid l-esponent bhala s-sekwestratarju fir-rigward, minghajr bl-ebda mod ma gew revokati in parte jew in toto l-imsemmija mandat ta` sekwestru 313/07 u 325/07, minghajr bl-ebda mod ma gie impunjat it-titolu ezekuttiv fuq imsemmi ta` l-esponent, cahdet lill-esponenti mill-protezzjoni li l-ligi solitament taghti lill-persuni fl-istess posizzjoni tieghu billi:

a) ezonerat lill-Carmen Gatt Baldacchino et mill-effetti tal-ordnijiet imposti fuqhom bhala sekwestratarji bil-mandat ta` sekwestru bin-numru 313/07;

b) ezonerat lin-Nutar Pierre Attard mill-effetti tal-ordnijiet imposti fuqu bhala sekwestratarju bil-mandat ta` sekwestru bin-nurmu 325/07;

c) awtorizzat lill-Carmen Gatt Baldacchino et sabiex *"jadoperaw il-prezz ta` l-akkwist sabiex jithallsu il-kredituri ipotekarji tal-vendituri li f`kull kaz jiggradwaw qabel il-kreditu pretiz mis-sekwestrant"*.

L-esponent umilment jissottometti illi d-dritt ta` l-esponent ghal smigh xieraq, kif sancit kemm mill-Kostituzzjoni ta` Malta (Art. 39(1)) kif ukoll bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta) gie lez serjament, u dan ghal diversi ragunijiet:-

1. Fl-ewwel lok, l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili, ghaddiet sabiex tiddeciedi dwar ir-rikorsi datati tlieta (3) ta` April, 2007 ipprezentat minn Carmen armla ta` Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino (I.D. 460141M) u Edmond (I.D. 427668M), Simon (I.D. 399771), Dolores (I.D. 514578M) u Josianne Tonna (I.D. 23566M) lkoll ahwa Gatt Baldacchino fl-atti tal-mandati ta` sekwestru esekuttivi bin-numru 313/07 u 325/07, minghajr ma ordnat notifika ta` l-istess lill-esponent li, bhala s-sekwestratant fiz-zewg mandati, huwa izjed milli ovvju li kellu kemm kull interess guridiku li jkun jaf bit-talba ta` l-istess Carmen Gatt Baldacchino et kif ukoll illi jirrispondi ghall-

allegazzjonijiet u kongetturi mressqa minn Carmen Gatt Baldacchino et fl-imsemmija rikors taghhom. Il-principju bazilari ta` gustizzja naturali, ossia *"audi alteram partem"* zgur li ma giex segwit f`din l-okkazzjoni.

2. Ghalhekk l-esponet gie ipprivat mid-dritt ta` smigh xieraq u ghas-salvagwardja procedurali tad-drittijiet ieghu, fosthom li jikkawtela d-dejn dovut lilu skond titolu ezekuttiv legittimu, bil-hrug tal-mandati ta` sekwestru de quo;

3. Ghalkemm, fuq il-karta, l-mandati ta` sekwestru 313/07 u 325/07 qatt ma gew revokati u ghalhekk ghadhom in vigore, fil-prattika, l-unici debituri tas-socjeta` Arcidiacono Limited li jaf bihom l-esponent huma Carmen Gatt Baldacchino et, li fil-mument li jixtru l-immobbli fl-Imsida minghand l-imsemmija socjeta`, allura jkollhom l-obbligu li jhallsu l-prezz pattwit, u ghaldaqstant ikollhom f`idejhom flus appartjenenti lill-istess socjeta`. Dan apparti n-Nutar Dottor Pierre Attard li, skond ma huwa infurmat l-esponent, suppost li diga` ghandu f`idu fondi ossia parti mill-prezz dovut fuq l-imsemmi immobbli. Fil-prattika, ghalhekk, bid-digrieti tal-5 ta` April, 2007, l-Onor. Prim Awla tal-Qorti Civili effettivament irrendiet ineffettivi ghal kollox il-mandati ta` sekwestru 313/07 u 325/07, li fil-prattika wiehed jista` jghid li gew revokati in parte (fil-konfront ta` Carmen Gatt Baldacchino et fil-mandat ta` sekwestru 313/07) jew in toto (fil-konfront tan-nutar Dottor Pierre Attard fil-mandat ta` sekwestru 325/07). Dan kollu minghajr pero` ma giet segwita l-procedura prevista mill-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta) li jipprovdi kif ghandhom jigu revokati mandati ezekuttivi u minghajr ma gew osservati s-salvagwardji imposti mill-ligi sabiex jigu protetti anke d-drittijiet ta` min ikun ottjena l-mandat ezekuttiv favur tieghu (vide artikolu 283A).

4. Inoltre, meta l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili, bid-digrieti taghha tal-5 ta` April, 2007 laqghet it-talba ta` Carmen Gatt Baldacchino et fir-rikorsi taghhom tat-3 ta` April, 2007 inter alia sabiex dawn ta` l-ahhar *"jadoperaw il-prezz ta` l-akkwist sabiex jithallsu l-kredituri ipotekarji tal-vendituri"*, gie ukoll lez id-dritt tal-esponent ghal smigh

xieraq fis-sens li gie ipprivat mill-possibilita` li jkejjel id-dritt tieghu li jithallas l-ammont dovut lilu (in kwantu l-esponet ukoll huwa kreditur ipotekarju tas-socjeta` Arcidiacono Limited) kontra d-dritt ta` kredituri ipotekarji ohra. Tali ezami kellu jsir billi l-prezz tal-biegh tal-immobbli fl-Imsida jigi depozitat taht l-Awtorita` tal-Qorti u sussegwentement, tkun Qorti, indipendenti u imparzjali, li bi proceduri kontenzjuzi, tiddermina minn fost il-kredituri tas-socjeta` Arcidiacono Limited kellu jithallas. Dan dejjem jekk id-debiti tas-socjeta` Arcidiacono Limited jissuperaw il-prezz tal-bejgh tal-immobbli fl-Imsida, xi haga li dwarha ma ngiebet l-ebda prova minn Carmen Gatt Baldacchino et izda giet semplicement allegata minnhom fir-rikors taghhom tat-3 ta` April, 2007.

5. Il-ligi tipprovdi rimedju effettiv ghall-lanjanzi kollha ta` Carmen Gatt Baldacchino et allegati fl-imsemmija rikors taghhom tat-3 ta` April, 2007, minghajr pero` ma kellhom ghalfejn jigu ppregudikat d-dritt ta` l-esponent qed jagixxi issa mhux ghax ghandu xi jedd x`jikkawtela izda sabiex jostakola lill-Carmen Gatt Baldacchino et milli jixtru l-immobbli fl-Imsida timplika allura ta` l-kuntratt tal-20 ta` Frar, 2007 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin gie ottjenut bi frodi ghad-drittijiet taghhom. Dan mhux il-kaz pero` Carmen Gatt Baldacchino et dejjem kienu liberi li jipprocedu bl-*actio pauliana*. Hekk ukoll rigward dak li jghidu Carmen Gatt Baldacchino et li s-sekwestri 313/07 u 325/07 ma huma ser ikunu ta` l-ebda utilita` ghall-esponenti ghaliex hemm kredituri ipotekarji ohra li jirrankjaw qablu. Ibda biex, Carmen Gatt Baldacchino et ma ghandhom l-ebda interess guridiku jaraw ghand min ser imorru l-flus ghaliex l-uniku interess guridiku taghhom huwa li jakkwistaw l-proprjeta ` ta` l-Imsida. Pero` fi kwalsiasi kaz, kif diga` nghad, fejn ghandu jmur il-hlas ghandu jigi determinat permezz ta` konkors ta` kredituri.

Ghalhekk, l-imsemmija zewg digrieti ta` l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili moghtija nhar il-5 ta` April, 2007 in segwitu taz-zewg rikorsi tat-3 ta` April, 2007 ta` Carmen Gatt Baldacchino et jilledu serjament id-dritt ta` l-esponent ghal smigh xieraq garantit bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni

Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali tal-esponet jigu protetti, billi tiddikjara illi l-imsemmija zewg Digrieti ta` l-Onorabbli Qorti Civili Prim`Awla moghtija fil-5 ta` April, 2007 jilledu d-dritt ta` l-esponent ghal smigh xieraq garantit bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta) u billi tannulla l-imsemmja zewg digrieti moghtija fil-5 ta` April, 2007, wiehed fl-atti tal-mandat ta` sekwestru numru 313/07 u l-iehor fl-atti tal-mandat ta` sekwestru 325/07.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li laqa` ghat-talbiet tar-rikorrenti billi ppremetta:

1. Preliminarjament illi r-rikorrent kellu u ghad ghandu rimedju ordinarju ghad-dispozizzjoni tieghu, liema rimedju jikkonsisti f`illi r-rikorrent jipprocedi b`rikors in kontradittorju tal-kontroparti sabiex jigi stabbilit illi l-kreditu tieghu jippregradwa dak ta` kredituri ohrajn.

2. Inoltre, stante n-natura ta` dan il-kaz u s-sottofond partikolari tieghu l-esponet jitlob li jigu kjamati fil-kawza l-aventi kawza ta` Carmelo Gatt Baldacchino billi jhoss li d-decizjoni moghtija f`din il-kawza tista` thalli impatt determinanti fuq id-drittijiet taghhom.

3. L-esponent jitlob ukoll li jigu allegati l-atti kollha tal-kawzi konnessi mat-trasferiment tal-beni soggetti tal-kawza fl-ismijiet *“Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et”*, liema beni il-konvenuti Arcidiacono et kienu gew ordnati ibieghu lill-konvenut Gatt Baldacchino ossia l-aventi causa tieghu.

4. Inoltre ma jissussisti ebda ksur ta` l-artikolu 6(1) stante li l-artikolu ma japplikax ghal proceduri bhal dawk li qed jigu hawn impunjati. L-artikolu 6 kien ikun japplika kieku i)

il-proceduri in kwistjoni kienu jinvolvu direttament lill-applikant ghax kienu jinvolvu litigju bejn l-applikant u parti ohra u ii) l-ghan ewlieni ta` l-istess proceduri kien li jigu determinati d-drittijiet u obbligazzjonijiet ta` l-applikant.

5. Inoltre minn ezami tal-fatti tal-kaz jirrizulta li r-rikorrent ma giex imcahhad minn smigh xiereq ai termini ta` l-artikolu 6, partikolarment billi:

i) ghar-rigward tar-rikorsi maghmula minn membri tal-familja Gatt Baldacchino sabiex jigu ezonerati mill-effetti tal-mandat ta` sekwestru, f`kazijiet bhal dak odjern huwa fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jara jekk jinhtiegx jew le l-intervent tas-sekwestrant. Bl-istess mod illi, meta tintalab tohrog mandat ta` sekwestru jew ta` qbid, il-Qorti ghandha l-ghazla li tirrekjedi jew ma tirrekjedix l-intervent tal-parti soggetta ghall-mandat, hekk ukoll hija m`hijiex obbligata li titlob tali intervent minn min ikun diga` akkwista mandat favurih meta ssir talba minn terzi bhalma gara fil-kaz prezenti;

ii) ir-rikorrent ma kienx imcahhad mill-access ghall-Qorti u fil-fatt ipprezenta zewg rikorsi ghar-revoka *contrario imperio* tad-digrieti tal-Qorti; il-fatt li t-tnejn gew michuda ma jikkomportax fih innifsu bazi ghal allegazzjoni ta` nuqqas ta` smigh xieraq. Id-decizjoni dwar l-ilqugh o meno tar-rikors tar-rikorrent mill-Qorti imsemmija ma kienetx necessarjament tirrikjedi smigh taz-zewg partijiet bhalikieku f`kawza regolari.

6. Inoltre il-procedura stabbilita mill-artikolu 283A hija li: **“<u>Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor</u> taht din il-ligi jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrih att esekuttiv <u>jista`</u> jaghmel rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att esekuttiv <u>jithassar</u> …”** (enfasi mizjuda mill-esponent).

Mill-kliem ta` dan l-artikolu jirrizulta li l-procedura imsemmija a) m`hijiex obbligatorja izda hija biss mod wiehed ta` kif sekwestrat jista` jhares drittijiet; b) tintuza biss meta min qed jagixxi jkun irid ihassar il-mandat in kwistjoni. Ghalkemm mhuwiex kompitu ta` l-esponent li

jiddeciedi jew jiggudika dwar il-passi li hadu terzi li m`humiex parti f`din il-kawza saibex jittutelaw l-interessi taghhom taht il-ligi, josserva pero` li f`dan il-kaz is-sekwestrati riedu biss jigu ezonerati mill-effetti ezekuttivi tal-mandat mahrug fuq talba tar-rikorrent, u mhux jattakkaw specifikament it-titolu ezekuttiv li kien jikkonferixxi l-ilqugh tal-mandati ta` sekwestru mitluba mir-rikorrent. Ghalhekk, ghazlu li jipprocedu b`rikors semplici quddiem il-Qorti, li min-naha taghha dehrilha li kellha tilqghu.

Ghaldaqstant, l-esponet jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat il-verbal tal-24 ta` Mejju, 2007 fejn il-Qorti halliet ir-rikors ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat illi l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili moghti fil-5 ta` April, 2007 li bih il-Qorti effettivament ezonerat lil Carmen armla ta` Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino u Edmond, Simon, Dolores, u Josianne Tonna lkoll ahwa Gatt Baldacchino u lin-Nutar Pierre Attard milli josservaw l-ordnijiet moghtija lilhom rispettivament lill-mandati ta` sekwestru Nru. 313/07 u 325/07 mahruga fuq talba tar-rikorrent odjern.

L-intimat Avukat Generali laqa` ghal din it-talba preliminarjament ghaliex ir-rikorrent kellu u ghad ghandu rimedju ordinarju ghad-disposizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat illi d-digriet tal-5 ta` April, 2007 li qed jittanta jimpunja r-rikorrent huwa digriet moghti kameralment fl-atti ta` mandati ta` sekwestru.

Illi dwar l-eccezzjoni li r-rikorrent kellu u ghad ghandu rimedju ordinarju, din il-Qorti tikkunsidra illi f`ghadd ta` sentenzi moghtija f`dawn l-ahhar snin, gew stabbiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju effettiv alternattiv.  Fost dawn il-principji wiehed isib li:

(a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ir-rikorrent ghandu jfittixhom qabel ir-rimedju kostituzzjonali u

(b) m`hemm ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti jekk twettaqx is-setghat taghha li tisma` kawza ta` natura kostituzzjonali. (Ara. Champs Mediterranean Limited et vs Direttur tal-Artijiet et (31/05/06)).

Din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti kellu u ghad ghandu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju alternattiv biex jimpunja d-digriet li qed jilmenta minnu.  Ir-rikorrent qatt ma pprova jitlob it-thassir tad-digriet permezz ta` rikors fil-kontradittorju kif seta` jaghmel ben tajjeb kif gie ritenut mill-Qrati Maltin f`diversi okkazzjonijiet.

*“M`hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li ser jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista` jigi segwit b`mod prattiku, effettiv u effikaci …”* (Olena Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs (30/06/05).

F`dan il-kuntest, xorta wahda jibqa` fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tezercitax is-setgha taghha li tisma` l-ilment imressaq quddiemha.  Kif gie ritenut minn dawn il-Qrati f`diversi okkazzjonijiet, din id-diskrezzjoni trid titwettaq b`mod korrett u mmirat lejn l-iskop li l-legislatur ried jilhaq biha, cioe` li ma jsirux kawzi kostituzzjonali bla bzonn u mill-banda l-ohra persuna ma tinzammx milli tmexxi ‘l quddiem azzjoni bhal din f`kaz serju li jista` jimplika ksur ta` dritt fondamentali.

Il-Qorti kellha okkazzjoni tahseb fit-tul dwar ic-cirkostanzi tal-kaz odjern. Ikkunsidrat ukoll li, kif qalet il-Qorti fis-sentenza Brian Vella vs Avukat Generali et (09/06/06)

*"… jidher ghaqli hafna li wiehed ifakkar li m`ghandu jkun qatt li din il-Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali taghha, jkollha d-dritt li tistharreg il-mertu u l-mod kif xi Qorti ohra ghandha tinterpreta jew tapplika l-ligi u dan taht l-iskuza li b`hekk ikun qieghed jithares il-jedd ta` smigh xieraq kif iridu l-Kostituzzjoni jew il-konvenzjoni"*.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-imtimati u peress illi tqis li r-rikorrent kellu u ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju iehor effettiv, taghzel li ma twettaqx is-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha u dan skond l-Art. 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------